Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 165/2015

**Winston Carbone**

**Vs**

**Kunsill Lokali Birkirkara u b'digriet tal-25 ta' Frar, 2016 issejjah fil-kawza Direttur Generali Dipartiment tax-Xoghlijiet u Infrastruttura fi hdan il-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura**

17 ta' Novembru, 2017.

1. B'sentenza tas-7 ta' April, 2017 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikkundanna lill-Kunsill konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn mitejn u seba' u disghin ewro u disa' u disghin centezmu (€2,297.99), hsara li saret fil-vettura tal-attur KBJ (342), fi Triq il-Wied, Birkirkara minhabba hofra li kien hemm fit-triq u li kienet mghottija bl-ilma tax-xita.

2. B'rikors prezentat fl-20 ta' April, 2017 il-Kunsill appella mis-sentenza. L-aggravji huma:

   i. It-Tribunal ghal Talbiet Zghar zbalja meta fis-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2015 awtorizza korrezzjoni fl-avviz tat-talba.
   ii. It-Tribunal zbalja meta cahad it-talba tal-appellanti sabiex jaghti eccezzjoni ulterjuri ta' nullita minhabba li l-attur ma segwiex il-procedura kontemplata fl-artikolu 460(1) tal-Kap. 12.

3. B'digriet moghti llum it-twegiba tal-attur giet sfilzata.

4. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva:

   i. Fl-avviz tat-talba l-attur iddikjara li l-incident sehh fi Triq il-Wied, Birkirkara. Fis-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2015 id-difensur tal-attur talab korrezzjoni, fis-sens li fl-avviz tat-talba t-triq fejn sehh l-incident kien Triq il-Qasab, Birkirkara. F'dik is-seduta l-appellant ma kienx rapprezentat. It-Tribunal laqa' t-talba ghal korrezzjoni. L-eccezzjoni tal-appellant kienet fis-sens li mhuwiex legittimu kontradittur ghaliex il-manutenzjoni ta' Triq il-Wied ma kinitx taqa' fir-responsabbilta tieghu.

ii. Gialdarba l-konvenut naqas milli joggezzjona ghat-talba, hu barra minn loku li joggezzjona fi stadju tal-appell. Dan apparti li fl-istadju li ntalbet il-korrezzjoni, kien ghadu ser jibda s-smiegh tal-provi. Ghalhekk zgur li l-appellant ma giex pregudikat. Dan apparti li proceduri quddiem it-Tribunal huma min-natura taghhom informali. L-appellant aghmel riferenza ghall-artikolu 175 tal-Kap. 12, fejn talba ghal korrezzjoni f'att gudizzjarju hi ammissibbli *"sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza"*. Pero' fl-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) mhemmx disposizzjoni li tipprovdi li dik id-disposizzjoni hi applikabbli ghall-proceduri quddiem it-Tribunal.

iii. It-tieni aggravju jirrelata ghad-digriet moghti mit-Tribunal fil-25 ta' Frar, 2016 li bih cahad it-talba tal-appellant sabiex jipprezenta eccezzjoni ulterjuri li biha jinvoka n-nullita tal-proceduri minhabba l-artikolu 460(1) tal-Kap. 12. Eccezzjoni li min-natura taghha messha nghatat fil-bidu tal-proceduri. Mhijiex skuza li fil-bidu tal-proceduri l-appellant kien qieghed jibbaza d-difiza tieghu fuq l-eccezzjoni li ma kienx il-legittimu kontradittur minhabba li Triq il-Wied ma taqax fir-responsabbilta tieghu. Nullita' ssehh irrispettivament jekk il-konvenut huwiex legittimu kontradittur jew le. Ma kien hemm xejn x'izomm lill-appellant milli jaghti dik l-eccezzjoni fit-twegiba li pprezenta fis-16 ta' Marzu, 2015. Il-qorti zzid li l-artikolu 9(3) tal-Kap. 380 jipprovdi:

*"Ebda procediment quddiem it-Tribunal ma jkun invalidu minhabba fin-nuqqas ta' tharis ta' xi formalita sakemm wiehed ikun mexa b'mod konformi kemm jista' jkun ma' dan l-Att jew mar-regoli maghmula tahtu"*.

Fic-cirkostanzi l-ilment tal-appellant hu minghajr bazi.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-Kunsill appellant.**

Anthony Ellul.